MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2012

Numru. 413/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR JONATHAN FERRIS**
**VS**
**CHRISTOPHER EL SHOUSHANI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Christopher El Shoushani ta’ 36 sena, bin Mohamed Nagib u Bartholomea nee’ Agius, mwieled Pieta’, fit- 28 ta’ Mejju 1975, residenti Plymouth, Flat 4, Triq Testaferrata, Ta’ Xbiex u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 434783M;

Talli f’ dawn il- Gzejjer, f’ Dicembru 2011 u fix- huxr ta’ qabel b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l- istess dispozizzjoni tal- Ligi u li gew maghmula b’

risoluzzjoni wahda, approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is- somma ta’ aktar minn €2,329.37 taht titolu illi jgib mieghu l- obbligu tar- radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l- professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizz tieghu ghad- dannu tal- kumpanija Arriva Malta Ltd;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’din il-kawza, wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni tieghu;

Rat illi, ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9, din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Struttorja ghal wahda ta’ Gudikatura Kriminali, u ghalhekk il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

Wara li rat l-Artikoli 18, 293, 294, 310 (1) (a), 532A, 532B u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sentejn prigunerija sospizi ghal erba’ (4) snin ai terminu tal- Artikolu 28A tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Tordna lill-imputat ihallas is-somma ta’ erbat elef, erba’ mija w disgha w ghoxrin ewro u dsatax-il centezmu (€4,429.19) fi zmien sitt (6) xhur ai terminu tal- Artikolu 28H tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------